# Throwback

Naomi Mercieca

Il-passaġġ dejjaq tal-konkrit ċangaturi ċangaturi, sħun wara nofstanhar jitmattar u jistrieħ fix-xemx ta' Settembru, kien jinħass aħrax taħt saqajha ħafjin. Għaddiet bil-lajma minn fuqu, iċċaqlaq s-swaba' ta' saqajha u tosserva t-tmewwiġ tal-muskoli u l-għadam taħt il-ġilda samra bil-marki bojod wara sajf mixi bis-sandli ċ-ċatt, tiddawwar biex tmidd pass u tittama għal miraklu bħal ta' Ġożwè.

Tefgħet idha fuq il-manku tal-plastik iswed u dawritu bil-mod, għax kien maħlul u minn dawk il-malizzjużi, imbuttat il-bieb u rifset l-għatba għolja tal-maħżen f'tarf il-ġnien. Nifs twil 'il ġewwa, għax anke f'nofs Awwissu meta l-fliexken ikunu nixfu qoxqox u l-għeneb ikun għadu fuq id-dielja, hemm ġew kien ikun hemm riħa ferrieħa ta' nbid. Id-damiġġjani ħodor tan-nannu, ilellxu mill-aħjar li jistgħu taħt kisja fina trab fid-dawl tax-xemx dieħel miż-żewġt itwieqi, hemm kienu, ringiela pulita madwar l-erba' ħitan u tnejn oħra f'nofs il-maħżen. Is-serpentini llum kienu siekta, u l-ixkora taz-zokkor fil-kantuniera kienet għadha ma ntmessitx. Daret madwar il-maħżen, pass wara l-ieħor fuq l-art umda u mħattba, tfittex il-fliexken tas-San Pellegrino fil-kaxxi tal-injam bħal dari, għax dawk il-fliexken bl-istilla bbuzzata 'l barra minn dejjem kienu l-favoriti tagħha.

Tat l-aħħar ħarsa madwarha mill-bieb miżbugħ kafellatte biż-żebgħa tal-enamel, qabel ma toħroġ minn hemm. Din id-darba taf li din l-aħħar titwila,

l-aħħar tislima, lit-tfulija riħa ta'  kafè u ħwawar imberbqa taħt il-friegħi tal-lariġ u tat-tin fil-ġnien kenni tan-nanna. L-aħħar paġna tal-ktieb li ntemm mhux ħesrem bħal fl-istejjer, imma f'ħafna mumenti ċari kristall u friski bħall-bieraħ: l-aħbar bejn taħbita u oħra tal-mewġ mal-blat tax-Xlendi li n-nanna ma fadlilhiex, iċ-ċokon tal-kuġina l-ġdida fit-tarf l-ieħor tal-isptar, il-vojt li ħasset meta ntebħet li m'għadhiex temmen b'Eva u Adam, it-titwila lil nannitha qabel ma tmur lura d-dar li f'daqqa beżgħet li tkun l-aħħar waħda. U ftit jiem wara fil-klassi meta l-Assistent Prinċipal ġiet għaliha u qabel ma lissnitilha kelma f'qalbha kienet ġa taf.

Dak is-sajf, l-aħħar sajf ta' nannitha, tlett ijiem ġol-isptar u tlieta oħra d-dar, għaddejjin għalenija mill-bibien griżi tqal sa ma jaslu fil-kamra bit-tieqa għal fuq il-bitħa bis-siġar tal-lariġ, kienet saret mara. Iż-żmien imqassam bejn iż-żaqżiqa tal-kexxun tal-pożati u t-tokki tal-qniepen tal-knisja, u mfisser bil-pass qabbieżi ta' tifla fjakka twarrab il-pupi u tidħol 'il ġewwa tfittex il-ħobż biż-żejt u ż-żebbuġ, u l-kantun *cheddar* li n-nanna kienet titilqilha f'qiegħ il-platt tal-pizzi, kienet taf li kienet ħallietu warajha għal dejjem. U għada, meta jiġi z-ziju bit-trakk, jiftaħ il-bieb tal-maħżen beraħ u joħroġ id-damiġġjani u s-serpentini u z-zokkor, u l-fliexken bl-istilla fil-kaxxi tal-injam, sa ma l-kisja trab titfarfar u tinżel fl-art qed tinxef fl-aħħar, il-ktieb li ntemm tkun qed tagħlqu u twarrbu.

Ħarġet u ntasbet bilqiegħda fuq it-tarġa tal-maħżen fix-xemx. Kien hemm brimba qed tinseġ storja oħra bejn il-weraq imxebilka tar-rampili tan-nanna, u purċissjoni nemel medhija biż-żahar niexef tal-lariġ li waqa' fuq il-passaġġ tal-konkrit. Kellha aptit tqum tikinsu, imma għaddielha. Minn hawn setgħet tisma' t-tokki tal-arloġġ tal-pendlu t-twil taħt it-taraġ fl-intrata. Dak ukoll sejjer għada maz-ziju. Id-dar ħa jbattluha għalkollox minn dak li ħalliet warajha n-nanna, u taf li dak li jibqa' abbli jintefa' 'l barra jgawdi l-kurżità tal-ġirien sa ma jittieħed u jindifen jew jinħaraq jew x'jagħmlu bil-fdalijiet skartati tan-nies.

Imma llum, għad fadlilha llum. Għad fadlilha ħin u x'tagħmel. Sejra xxomm il-lożor nodfa jfewħu gwardarobba, se tiftaħ il-kexxun tal-pożati għax trid tisimgħu jżaqżaq, u l-pupi, dawk se teħodhom magħha. Ix-xemx għadha għolja mhux ħażin, u l-ktieb għamlet f'moħħha li tqegħedlu l-ward bejn il-paġni qabel ma tagħlqu u twarrbu.